A.L. 349 ta' l-2008

ATT DWAR IL-ĠUSTIZZJA AMMINISTRATTIVA (KAP. 490)

Ordni ta' l-2008 dwar it-Twaqqif ta' Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Ġenerali fit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 9(1) ta' l-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva, il-President ta' Malta li jaġixxi bil-parir tal-Prim Ministru għamel l-ordni li ġej:

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. It-titolu ta' dan l-Ordni hu Ordni ta' l-2008 dwar it-Twaqqif ta' Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Ġenerali fit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, u dan l-Ordni għandu jiġi fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2009.

Sezzjoni tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva.

2. (1) B'dan qed tiġi stabbilita Sezzjoni tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva li għandha tkun magħrufa bħala s-Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Ġenerali.

(2) Il-kategoriji kollha tal-każijiet li għandhom jiġu assenjati lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva għandhom għalissa jiġu assenjati lis-Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Ġenerali ta' l-imsemmi Tribunal.